MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 115/2009

**Nazzareno Zarb (I.D. 375571M)**

**vs**

**Laurence Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Frar 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn tliet mija u tletin Euro (€2330) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-11 ta’ Frar 2010, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn tliet mija u tletin Euro (€2330), bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------